**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 54/97

Carmelo Gerada

vs

Forzi Armati ta' Malta

Illum 24 ta' April, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Jannar 1988 huwa sofra ingustizzja billi gie lilu tterminat ix-xoghol minghajr raguni valida fil-ligi.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi ir-rikorrenti ghamel hames snin ingaggat fil-Forzi Armati ta' Malta fil-grad ta' Gunner bin-numru 85043 mal-Bomb Disposal Unit;

Illi fuq il-post tax-xoghol, ir-rikorrenti qatt ma kellu problemi sakemm fl-1988 inzerta gimgha sick leave waqt kors ta' tahrig ta' xahar. Huwa debitament gharraf lis-superjuri tieghu dwar dan u fil-fatt it-tabib tal-Forzi Armati mar jinvistah id-dar tieghu. L-imsemmi tabib minghajr ebda spjegazzjoni gharraf lilir-rikorrenti li kien ser jaghmel rapport sabiex huwa jitkecca mill-Forzi Armati.

Illi fil-fatt ir-rikorrenti rritorna lura x-xoghol u meta mar ghal-kors ta' tahrig hekk kif dirett mill-istess superjuri tieghu, il-Kaptan Camilleri ordnalu jmur lura fuq il-post tax-xoghol regolari tieghu.

Illi cirka xahar wara li matulu ir-rikorrenti kien baqa' jattendi regolarment ghax-xoghol, huwa flimkien ma seba' suldati ohra, gew ordnati jmorru l-Isptar Boffa sabiex jigu nvistati. Minghajr ma gew ezaminati, it-tabib gharrafhom li ser ikollhom jigu boarded out mill-Forzi Armati u dan minghajr ma nghataw l-ebda raguni ghaliex dan kellu jsir.

Illi fil-fatt l-imsemmija suldati gew effettivament boarded out bil-konsegwenza li ir-rikorrenti ghamel sentejn shah jirregistra ghax-xoghol.
Illi ghalkemm ir-rikorrenti lmenta dwar dak l-atteggjament ma Staff Sergeant Fabri li dak il-hin stess fil-presenza tair-rikorrenti kkomunika mal-Kaptan Raphael Farrugia, huwa gharrfu li ma kienx lest jiddefendih stante li kif qallu s-sur Gerada kien gej minn familja ta' twemmin politiku Laburista.

Illi f'okkazzjoni ohra, wara li ir-rikorrent kien gia tkecca mill-Forzi Armati waqt kors ta' tahrig iehor il-Kaptan Camilleri hareg key chain bl-arma tal-Partit Nazzjonalista u qal lil dawk prezenti li f'kaz li jekk xi hadd minnhom jirraporta bis-sick leave u jaghmilha tal-bully jigi mkecci mill-Forzi Armati bhat-tmienja l-ohra ghaliex kif qal l-istess Kaptan: "issa l-Gvern taghna".

Illi l-ilment tair-rikorrenti gie registrat tal-Kummissjoni kontra l-Ingustizzji fi hdan il-Partit Laburista fit-8 ta' Mejju 1989, liema registrazzjoni ggib in-numru 02614.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jerga jingagga ruhu fl-armata u jinghata lura s-servizz li tilef, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jtihallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:
Illi r-rikors fl-istat li gie notifikat lilir-rikorrent huwa inammissibbli peress li m'huwiex akkumpanjat minn lista ta' xhieda fit-termini ta' l-artikolu 7(2)(a) tal-Att VIII ta' l-1997.

Illi r-rikors promotur huwa inammissibbli fit-termini ta' l-artikolu 5(3)(b) ta' l-att VIII ta' l-1997 peress illi r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi bla pregudizzju ta' l-esposizzjonijiet maghmula hawn fuq, ir-rikorrent gie ngaggat fir-rank ta' Gunner fit-Task Force ta' Malta fil-24 ta' Lulju 1985. Fil-1987 il-Kmandnat tat-Task Force li dak iz-zmien kien il-Kurunell Maurice Calleja ordna li min ma kienx ghamel it-tahrig baziku militari fil-bidu tal-ingagg tieghu fis-Servizz, kif inhu n-normal kellu jaghmel dan it-tahrig. Gerada kien wiehed minn dawk li ma ghamilx dan it-tahrig u ghalhekk kien ordnat jibda dan it-tahrig fl-24 ta' Novembru 1987. Gara li tista tghid fil-bidu ta' dan it-tahrig, Gerada irraporta sick u meta invistah it-tabib tas-servizz fis-27 ta' Novembru 1987 dan sabu li kien qeighed ibati minn hypertension and palpitation u rraporta li kien "permanently unfit for basic training and strenuous work". Sussegwentement it-tabib gie moghti struzzjonijiet biex jerga jezamina r-rikorrent

sabiex jirraporta fuq l-istat ta’ sahhtu u li fl-eventwalita’ li dan jisntab “unfit” jiehu passi biex ir-rikorrent jghaddi Board Mediku.

Illi wara li r-rikorrent kien instab minn Board Mediku permanentament mhux tajjeb ghal-servizz militari minhabba kundizzjoni medika, is-servizz tieghu fil-FAM gie tterminat fil-5 ta’ Frar 1988.

Illi Gerada kien bil-fors kellu jigi mgharraf b’dak kollu li kkoncernah inkluz ir-raguni tat-temm u mhux tkeccija mis-Servizz.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra li fil-5 ta’ Ottubru, 1999 l-intimat eccepixxa ulterjorment li dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni a tenur tal-artikolu 5 (3) (a) tal-Att VIII tal-1997 u dana skond l-insenjament tal-istess Tribunal fil-kawza fl-ismijiet Emmanuel Chircop vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati deciza fl-24 ta’ Gunju, 1999.

Ra l-atti kollha tal-kawza, inkluz in-noti tal-osservazzjonijiet.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Barbara vs Med Serv Limited et" deciza fl-10 ta' Mejju, 1999 dan it-Tribunal qal hekk:

"Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu

kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel……..

Bazikament l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq terminazzjoni ta' impieg. Issa terminazzjoni ta' impieg ma tissemma f'ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (d). "Ubi lex voluit dixit". Il-ligi ma tuzax kliem fis-sens li l-ilmenti indikati huma ezempji ta' ilmenti, izda huma ezattament l-ilmenti li fir-rigward taghhom dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.

Ta' min izid li l-artikolu 28 tal-Kap 266 l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali jghid:

"Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva li jikkunsidra u jiddecidi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi , u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci ghall-ksur tad-drittijiet tieghu li ma jitkecciex b'mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra:"

Il-lokuzzjoni wzata hija cara li t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta. Hemm kazijiet li jaqghu taht l-Qorti Civili [skond in-natura tal-kuntratt] u anke quddiem il-Kummissjoni ta' l-Impiegi taht il-Kostituzzjoni jekk ikun jahdem f'azienda Governattiva jew kwazi-governattiva.

Ghalhekk, salv kif ser jinghad aktar l-isfel f'dan il-paragrafu, terminazzjoni ta' impieg mhux ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ara wkoll Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999. L-uniku kaz fejn dan ma japplikax huwa fil-kaz tal-"constructive dismissal" dejjem bazat fuq ingustizzja kif imsemmi fl-artikolu 6 (1). Ara "Charles Azzopardi vs Selmun Company Limited et" deciz in parte fil-15 ta' Dicembru, 1997, u f' "Patrick Dato Mallia vs Malta Development Corporation" deciz ukoll in parte fil-11 ta' Marzu, 1998."

Fil-kawza fl-ismijiet "Romeo Bone vs Forzi Armati ta' Malta" deciza mit-Tribunal fil-15 ta' Dicembru, 1999, it-Tribunal qal:

"Issa fil-kaz in ezami in-nuqqas ta' kompetenza tohrog ukoll minn dak li jghid l-artikolu 5 (3) (a) li jghid:

'Dan l-Att ma japplikax ghall-persuni jew ghall-korpi li jinsabu elenkati fit-Taqsima A fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att." F'din l-iskeda insibu imnizzel "Il-Forzi Armati ta'

Malta hlief skond dak li hemm provdut fit-Taqsima B ta' din l-Iskeda". Fit-Taqsima B insibu elenkat: "Il-Forzi Armati ta' Malta ghar-rigward biss ta' hatriet, promozzjonijiet, trasferimenti, salarji u drittijiet ta' pensjoni ta' l-ufficjali u suldati f'dik il-Forza Armata".

Ara f'dan is-sens ukoll "Emmanuel Chircop vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati" deciza fl-24 ta' Gunju, 1999.

Issa fil-kaz in ezami r-rikorrent sostna li l-intimat ma setax jissolleva l-eccezzjoni tal-inkompetenza ***ratione materiae*** f'dan l-istadju u ibbaza dan fuq l-artikolu 728 (2) tal-Kap 12. Izda hawn ta' min isemmi li f'dan il-kaz il-ligi issemmi specifikament dak li trid jigi ezaminat mit-Tribunal dwar l-Armata u thalli barra l-kaz tat-tkeccija. Dan mhux il-kaz ta' eccezzjoni bhal ma hi kjamata in kawza wara li jkunu ddekorru aktar minn sitt xhur mill-bidu tal-Att u din tigi eccepita wara li jghddi tali terminu.

Ir-rikorrent sostna li kienet harget Cirkolari mill-Gvern biex ma jitqajmux eccezzjonijiet fuq proceduri. Izda dan mhux kaz ta' hekk ghax l-ewwel nett cirkolari torbot lil min hi intiza ghalih, u mhux lill-Qorti. Ukoll din hi kwistjoni ta' kompetenza.

Izda r-rikorrent ghandu ragun fejn jghid li l-fatt li l-eccezzjoni giet sollevata f'dan l-istadju ghandha titqies ghall-iskop tal-ispejjez tal-kawza.

Ghalhekk huwa ovvju li t-talba tar-rikorrent tesorbita mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat dwar l-inkompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae***.

Minhabba li l-eccezzjoni giet sollevata f'dan l-istadju spejjez bla taxxa.